

Brussell, 6 ta' April 2021  
(OR. en)

7555/21

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0075(NLE)**

---

---

**FISC 53  
ECOFIN 311  
ENER 105**

## **PROPOSTA**

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Marzu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 152 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Kroazja biex tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 152 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 152 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 31.3.2021  
COM(2021) 152 final

2021/0075 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza lill-Kroazja biex tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha

It-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku fl-Unjoni hija regolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-qafas tal-Komunità dwar it-tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku<sup>1</sup> (id-“Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija” jew id-“Direttiva”).

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17 tagħha, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi.

Bis-saħħa tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/921/UE tas-16 ta' Diċembru 2014<sup>2</sup>, il-Kroazja diġà għet awtorizzata biex tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.

L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li testendi dik l-awtorizzazzjoni kif mitlub mill-Iżvezja, minħabba li d-deroga attwali skadiet fid-19 ta' Diċembru 2020. Din l-eżenzjoni hija intiża biex tnaqqas l-ispejjeż għal persuni ġuridiċi rreġistrati li jwettqu attivitajiet ta' tneħħija tal-mini u għaldaqstant taċċellera dawn l-attivitajiet u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika tat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji fil-Kroazja.

L-attivitajiet ta' tneħħija ta' mini qed iseħħu f'konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulu ta' Ħażna, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u dwar il-Qerda Tagħhom (il-Konvenzjoni ta' Ottawa) tal-1998, u l-Konvenzjoni internazzjonali dwar il-Munizzjonijiet ta' Tferrix iffirmata f'Oslo fl-2018, li tipprobixxi kull użu, produzzjoni, trasferiment u ħażna ta' munizzjonijiet tat-tferrix u tistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni u l-assistenza biex tiġi żgurata l-ikklerjar ta' żoni kkontaminati, kif ukoll l-Att Kroat dwar l-Azzjoni Mina (OG 110/15, 118/18 u 98/19).

F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Ottawa, fl-2018 ir-Repubblika tal-Kroazja ppreżentat it-tieni Talba għal estensjoni tal-iskadenza tat-tneħħija tal-mini. It-talba ntlagħhet fis-Sbatax-il Laqgħa tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni u issa għet stabbilita skadenza ġdida tat-1 ta' Marzu 2026 għat-tlestija tal-attivitajiet tat-tneħħija tal-mini.

F'konformità mal-estensjoni tal-iskadenza għat-twaqqiġ u permezz ta' ittra datata t-18 ta' Settembru 2020, l-awtoritajiet Kroati infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jestendu l-eżenzjoni mit-taxxa fuq iż-żejt tal-gass użata biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji sad-19 ta' Diċembru 2026. Informazzjoni addizzjonali għet ipprovduta permezz ta' ittri datati t-13 t'Ottubru 2020 u s-6 ta' Novembru 2020.

---

<sup>1</sup> ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51-70.

<sup>2</sup> ĠU L 363, 18.12.2014, p. 50-51.

L-intenzjoni tal-awtoritajiet Kroati hija biex ikompli japplikaw eżenzjoni mit-taxxa fuq żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.

Il-perjodu ta' validità mitlub għad-deroga huwa mid-19 ta' Diċembru 2020 sad-19 ta' Diċembru 2026, u dan huwa f'kontinwità mad-deroga attwali u fi ħdan il-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

L-għan tal-miżura li trid tiġi applikata mill-Kroazja huwa li jingħata inċentiv għall-ikklerjar aktar mgħaġġel ta' għelieqi suspettati li huma mminati, u l-liberazzjoni ta' art agrikola u foresti u b'hekk tagħmilhom aċċessibbli għal darb'oħra għal attivitajiet ekonomiċi. Il-miżura hija mistennija wkoll li jkollha effetti pożittivi immedjati fuq il-ħajja u s-saħħa tal-bniedem fiż-żoni kkontaminati b'mini u munizzjon li għadu ma splodiex.

Il-miżura tikkonsisti f'eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass użata biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji ta' żoni kkontaminati bil-mini, b'tali mod li l-eżenzjoni tingħata biss lil entitajiet legali rreġistrati għat-tneħħija tal-mini. Il-miżura hija implimentata permezz tal-applikazzjoni tar-rifużjonijiet tad-dazju tas-sisa. Magni li se jużaw żejt tal-gass eżentati mill-ħlas tat-taxxi tas-sisa għandhom jiġu kklassifikati skont l-iskop tagħhom, l-għodda tax-xogħol tagħhom u l-metodu tagħhom ta' tħaddim. Id-dipartimenti kompetenti taċ-Ċentru Kroat għall-Azzjoni fil-Minjieri ser jissorveljaw u jżommu reġistri tat-tħaddim tal-makkinarju. Se jkun hemm formola speċjali għal kull magna li fuqha se jiġu rreġistrati s-siġhat ta' operat, il-prestazzjoni u l-konsum tal-fjuwil għal kull jum. Meta proġett ikun intemm, l-operatur tat-tneħħija tal-mini għandu jissottometti formola tat-taxxa tas-sisa għall-makkinarju tagħha impjegat fuq is-sit, akkumpanjata minn formola ta' reġistrar għal kull magna. Skont ir-responsabbiltà ġenerali tagħha li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fiskali, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa tal-Ministeru tal-Finanzi se twettaq, abbażi ta' informazzjoni dwar is-sit fejn tkun qed isseħħ l-attività ta' tneħħija ta' mini, kontrolli sistematiċi tal-fjuwil li jintuża f'makkinarju għat-tneħħija tal-mini.

Skont iċ-ċifri pprovduti mill-awtoritajiet Kroati, fil-Kroazja hemm 44 entità legali rreġistrata b'43 magna li jintużaw fit-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji. Madankollu, il-miżura mhix maħsuba li tkun ristretta biss għal dawn l-operaturi akkreditati iżda ser tapplika għal kwalunkwe operatur akkreditat u makkinarju ta' tneħħija ta' mini ġodda li jistgħu jintużaw għal dan il-għan, fil-futur. Iċ-Ċentru Kroat għall-Azzjoni fil-Minjieri takkredita u żżomm rekord tal-magni ġodda tat-tneħħija tal-mini kollha maħsuba biex jintużaw għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji.

Mingħajr l-applikazzjoni tal-miżura, l-operaturi tat-tagħmir tat-tneħħija tal-mini awtorizzati biex iwettqu operazzjonijiet tat-tneħħija tal-mini fit-territorju tal-Kroazja se jkollhom iħallsu r-rata tad-dazju tas-sisa nazzjonali fuq iż-żejt tal-gass użata bħala fjuwil tal-magni li hija ta' HRK 3060 għal kull 100 litru (madwar EUR 404 abbażi tar-rata tal-kambju ta' EUR 1 = 7.5630 HRK fl-1 ta' Ottubru 2020) u li tapplika għall-użu tal-propellant kif ukoll għall-użi f'muturi stazzjonarji, f'makkinarju tqil u f'vetturi maħsuba għall-użu lil hinn mit-triq pubblika (l-Artikolu 8(2)(b), (c) u (d) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija). L-eżenzjoni mit-taxxa għal perjodu ta' żmien limitat se tippermetti lill-operaturi inaqqsu l-ispejjeż tagħhom għall-attivitajiet ta' tneħħija ta' mini għal perjodu ta' żmien limitat, biex b'hekk jinħoloq inċentiv biex jintensifikaw il-ħidma tagħhom għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura. Dan se jħaffef il-proċess tat-tneħħija tal-mini. Il-benefiċjarji tal-miżura huma entitajiet ġuridiċi li nħarġilhom permess tal-Ministeru tal-Intern għall-operazzjonijiet tat-tneħħija tal-mini skont l-Att dwar l-Azzjoni kontra l-Mini (OG 110/15, 118/18 u 98/19) u

għandhom magni akkreditati skont l-Ordinanza dwar ir-rekwiżiti tekniċi u l-valutazzjoni tal-konformità tal-magni użati f'operazzjonijiet umanitarji għat-tneħħija tal-mini (OG 53/07, 39/11 u 57/13).

Il-Kroazja talbet li l-awtorizzazzjoni tingħata sad-19 ta' Diċembru 2026, u tibda mid-19 ta' Diċembru 2020, mingħajr interruzzjoni bid-deroga attwali u fi ħdan il-perjodu massimu indikat fl-Artikolu 19(2) tad-Direttiva.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

It-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass użata għal skopijiet industrijali u kummerċjali hija rregolata mid-Direttiva 2003/96/KE, b'mod partikolari l-Artikolu 8. L-Artikoli 5, 15 u 17 jipprovdu l-possibilità għall-Istati Membri li japplikaw differenzi fit-taxxa, inkluż eżenzjonijiet u tnaqqis, għal ċerti użi taż-żejt tal-gass. Madankollu, bħala tali, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprevedux eżenzjoni mit-taxxa għaż-żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju fit-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji.

*Dispożizzjonijiet taħt id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija*

*Valutazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE*

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva jaqra kif ġej:

*Flimkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikolu 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.*

Il-possibilità ta' introduzzjoni ta' trattament favorevoli ta' taxxa fuq iż-żejt tal-gass biex jiġi operat makkinarju fit-tneħħija tal-mini għal skop umanitarju tista' tkun prevista skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva minħabba li l-għan tagħha huwa li tippermetti lill-Istati Membri jintroduċu eżenzjonijiet jew tnaqqis ulterjuri għal kunsiderazzjonijiet speċifiċi tal-politika.

Il-Kroazja talbet li l-miżura għandha tapplika għal 6 snin, il-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2). Dan il-perjodu huwa konformi mal-impenji internazzjonali tal-Kroazja biex tlesti l-operazzjonijiet ta' twaqqigħ.

Madankollu, id-deroga xorta ma għandhiex iddgħajjed l-iżviluppi futuri tal-qafas legali eżistenti u għandha tqis ir-reviżjoni li ġejja tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija u l-adozzjoni possibbli mill-Kunsill ta' att legali bbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal emenda tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Din ir-reviżjoni ssegwi l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija<sup>3</sup> u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tal-UE għat-tassazzjoni tal-enerġija mit-28 ta' Novembru 2019<sup>4</sup>. Fil-Konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tanalizza u tevalwa l-għażliet possibbli bil-ħsieb li tippubblika maż-żmien, proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija; u talab lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni partikolari lill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, ir-rati minimi u t-tnaqqis u l-eżenzjonijiet speċifiċi tat-taxxa.

<sup>3</sup> SWD(2019) 329 final.

<sup>4</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2019, 14608/19, FISC 458.

Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, filwaqt li jidher xieraq li l-awtorizzazzjoni tingħata għall-perjodu mitlub, il-validità tad-deroga għandha tkun magħmula soġġetta għad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kwistjoni f'mument qabel id-19 ta' Diċembru 2026.

### *Regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat*

L-awtoritajiet Kroati pprevedew li japplikaw eżenzjoni tat-taxxa għaż-żejt tal-gass li jintuża biex jitħaddem makkinarju fit-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji permezz ta' rifużjoni tad-dazju tas-sisa kollu. lil kull operatur irreġistrat involut fl-attivitajiet tat-tneħħija tal-mini. L-awtoritajiet Kroati jargumentaw li l-miżura ma tikkostitwixxix ġhajjnuna mill-Istat. Din il-proposta hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni tal-miżura skont ir-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ma tippreġudikax l-obbligu tal-Istat Membru li jiżgura l-konformità mar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat.

### • **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

#### *Politika dwar is-Saħħa u l-Ambjent*

Il-miżura mitluba tirrigwarda prinċipalment il-politika reġjonali tal-UE dwar is-saħħa u l-ambjent sal-punt li tgħin parzjalment għat-tnaqqis aktar rapidu taż-żoni kkontaminati bil-mini tar-Repubblika tal-Kroazja li jippreżentaw theddida għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, annimali domestikati u slavaġ. L-objettivi li għandhom jintlaħqu b'din il-miżura huma ta' natura reġjonali u settorjali, peress li ż-żoni li għandhom jiġu deminati huma mifruxa fuq reġjuni differenti tar-Repubblika tal-Kroazja, u s-setturi affettwati mill-miżura huma l-agrikoltura u l-forestrija. L-applikazzjoni tal-miżura għandha effetti pożittivi diretti fuq il-protezzjoni tal-ħajja u s-saħħa tal-bniedem f'żoni kkontaminati bil-mini u bil-munizzjon mhux splodut.

#### *Politika dwar it-trasport*

Il-miżura hija limitata għal żejt tal-gass li jintuża f'magni speċifiċi akkreditati imfassla u mibnija speċifikament għat-tindif ta' żoni fejn hemm il-mini u li hija limitata wkoll għal żoni kkontaminati bil-mini fir-Repubblika tal-Kroazja. Ta' min isemmi wkoll li dawn il-magni ma jistgħux jintużaw għal kwalunkwe tip ta' trasport fit-toroq pubbliċi.

#### *Is-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta*

Skont iċ-ċirkostanzi deskritti, il-miżura tidher aċċettabbli anki fid-dawl tal-funzjonament xieraq tas-suq intern u l-ħtieġa li tkun żgurata kompetizzjoni ġusta. B'mod partikolari, minħabba l-fatt li l-miżura mhix se tiffavorixxi ċerti intrapriżi fuq oħrajn peress li ser tapplika għall-intrapriżi kollha involuti fit-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji fil-Kroazja. Bl-istess mod, il-miżura mhux se taffettwa l-kummerċ fi ħdan l-UE minħabba n-natura speċifika tagħha u li hija limitata għaż-żoni kkontaminati bil-mini tar-Repubblika tal-Kroazja.

Għaldaqstant jista' jiġi konkluż li l-miżura hija kompatibbli mal-politiki tal-Unjoni fl-oqsma ta' saħħa, ambjent, trasport u kompetizzjoni.

Il-perjodu ta' żmien li għalih qed jiġi propost li tittawwal l-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata rata ta' taxxa mnaqqsa, jagħmilha improbabbli li l-analiżi mwettqa fil-paragrafi preċedenti tinbidel qabel id-data tal-iskadenza tal-miżura.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi)**

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE.

Madankollu, b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata kompetenza esklużiva, bħala kwistjoni ta' leġislazzjoni sekondarja, biex jawtorizza lil Stat Membru jintroduċi iżjed eżenzjonijiet jew tnaqqis skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. B'riżultat ta' dan, il-prinċipju ta' sussidjarjetà mhuwiex applikabbli għal din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, peress li dan l-att mhuwiex abbozz ta' att leġislattiv, ma għandux jiġi trasmess lill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati għal reviżjoni ta' konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis tat-taxxa ma jeċċedix dak li hu meħtieġ biex jinkiseb l-għan inkwistjoni.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE jipprevedi din it-tip ta' miżura biss.

## 3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Il-miżura ma teħtieġx l-evalwazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba mill-Kroazja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess u ma teħtieġx valutazzjoni tal-impatt.

Hemm 295.9 km<sup>2</sup> ta' żoni suspettati bil-mini fir-Repubblika tal-Kroazja, li jikkonċernaw 50 belt u municipalitá fi 8 kontej. F'dawn iż-żoni kwalunkwe dħul u moviment huwa pprojbit.

L-operazzjonijiet attwali tat-tneħħija tal-mini jitwettqu minn 617 deminatur, maniġers tas-siti u persunal ta' appoġġ impjegati minn 44 entità legali awtorizzata għall-operazzjonijiet tat-

tneħħija tal-mini. L-operazzjonijiet tat-tneħħija tal-mini jitwettqu bl-użu ta' 43 magna tat-tneħħija tal-mini ddisinjati apposta.

L-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja tissuġġerixxi li l-miżura se jkollha impatt limitat fuq id-dħul mit-taxxa. L-awtoritajiet Kroati jistmaw li n-nefqa totali tat-taxxa mill-miżura se tammonta għal HRK 3.199.475 (madwar EUR 423.043) għat-tul ta' żmien totali tal-miżura fuq 6 snin.

Il-Kroazja tistenna li l-miżura jkollha impatt pożittiv fuq it-tlestija b'suċċess u f'waqtha tal-operazzjonijiet ta' twaqqiġ permezz tat-tnaqqis tal-ispejjeż operattivi tal-operaturi ekonomiċi involuti fl-attivitajiet tat-tneħħija tal-mini.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma tippredix simplifikazzjoni. Din hija r-riżultat ta' talba li għamlet il-Kroazja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-miżura ma twassal għall-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk, il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

#### **5. ELEMENTI OĦRAJN**

- **Il-pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti għall-monitoraġġ, l-ewalwazzjoni u r-rapportar**

Ma hemm bżonn ta' ebda pian ta' implimentazzjoni. Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal eżenzjoni mit-taxxa mogħtija lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess. Din hija prevista għal perjodu limitat sad-19 ta' Diċembru 2026. Il-miżura tista' tiġi ewalwata f'każ li jkun hemm talba għal tiġdid wara li l-perjodu tal-validità jkun skada.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma għandhiex bżonn dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1 jawtorizza lill-Kroazja biex tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.

Skont l-Artikolu 2 jistipula li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata b'effett mid-19 ta' Diċembru 2020, b'kontinwità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/921/UE attwali, sad-19 ta' Diċembru 2026, fi ħdan il-perjodu massimu ta' 6 snin permess mid-Direttiva, kif mitlub mill-Kroazja.



Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza lill-Kroazja biex tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-2014/921/UE<sup>2</sup> il-Kroazja ġiet awtorizzata biex tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE tad-19 ta' Diċembru 2020.
- (2) Fit-18 ta' Settembru 2020, il-Kroazja talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq iż-żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji għall-perjodu mid-19 ta' Diċembru 2020 sad-19 ta' Diċembru 2026. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Kroazja provdied informazzjoni addizzjonali b'appoġġ għall-applikazzjoni tagħha tat-13 t'Ottubru 2020 u tas-6 ta' Novembru 2020.
- (3) Bl-eżenzjoni mit-taxxa li hija għandha l-ħsieb li tapplika, il-Kroazja għandha l-għan li tħaffef it-tneħħija tal-mini fiż-żoni kkontaminati li fadal f'diversi reġjuni. Il-miżura b'hekk ikollha effetti pożittivi immedjati fuq il-ħajja u s-saħħa tal-bniedem f'dawn ir-reġjuni.
- (4) Il-miżura hija limitata għal magni għal użu speċifiku, akkreditati, li huma mfassla u mibnija speċifikament għat-tindif ta' żoni fejn tqiegħdu l-mini.
- (5) Il-miżura għandha tkun limitata għal żoni kkontaminati bil-mini fit-territorju tal-Kroazja.
- (6) Il-miżura għandha tapplika għall-operaturi kollha involuti fit-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji fil-Kroazja, u b'hekk ebda vantaġġ ekonomiku m'hu ser jingħata lil kwalunkwe operatur partikolari involut.

<sup>1</sup> ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

<sup>2</sup> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/921/UE tas-16 ta' Diċembru 2014 li tawtorizza lill-Kroazja biex tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq nafta użata biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE (ĠU L 363, 18.12.2014, p. 150).

- (7) Konsegwentament, il-miżura hija aċċettabbli mill-aspett tal-funzjonament xieraq tas-suq intern u l-ħtieġa biex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta u hija kompatibbli mal-politiki tal-Unjoni fl-oqsma ta' saħħa, ambjent, enerġija u trasport.
- (8) Kull awtorizzazzjoni li tingħata f'konformità mal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/96/KE se tkun għal żmien limitat b'mod strett. Sabiex l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jiġu pprovduti b'livell suffiċjenti ta' ċertezza u biżżejjed żmien biex jikkonkludu l-proċess ta' tneħħija tal-mini miż-żoni kkontaminati, ikun xieraq li l-awtorizzazzjoni tingħata għal perjodu ta' sitt snin.
- (9) Sabiex tingħata ċertezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'operazzjonijiet ta' tneħħija ta' mini u biex tiġi evitata żieda potenzjali fil-piż amministrattiv li jirriżulta minn bidliet fir-rata tat-taxxa applikabbli, il-Kroazja għandha tkun tista' tapplika l-eżenzjoni mit-taxxa għaż-żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju fit-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji mingħajr interruzzjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata b'effett mid-19 ta' Diċembru 2020, sabiex l-arranġamenti preċedenti skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/921/UE jkomplu mingħajr waqfien.
- (10) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-Kroazja hija b'dan awtorizzata li teżenta mit-tassazzjoni, iż-żejt tal-gass li jintuża sabiex jitħaddem il-makkinarju li jintuża fit-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji fit-territorju tagħha. Il-miżura għandha tkun limitata għal magni għal użu speċifiku, akkreditati, li huma mfassla u mibnija speċifikament għat-tindif ta' żoni fejn tqiegħdu l-mini.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mid-19 ta' Diċembru 2020 sad-19 ta' Diċembru 2026 .

Madankollu, jekk il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq il-bażi tal-Artikolu 113 jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jipprevedi regoli ġenerali dwar il-vantaġġi tat-taxxa għall-elettriku mix-xatt, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika minn dakinhar li jsiru applikabbli dawk ir-regoli ġenerali.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kroazja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*